

# 75 sena mindu l-ewwel għaqda mużikali Mqabbija ħarġet iddoqq

## L-ewwel għaqda mużikali Mqabbija li ħarġet fil-fatt iddoqq fid-data issa storika tat-12 ta' Awwissu 1945 ilha 75 sena tagħni lil raħalna bl-unuri bħall-bqija tas-Soċjetà Santa Marija

John Zammit

**Din is-sena, fit-12 ta'Awwissu, qed infakkru l-75 sena mill-ewwel programm mużikali esegwit minn għaqda mużikali Mqabbija. Dakinhar, il-Ħadd 12 ta'Awwissu 1945, l-Orkestra Santa Marija saret l-ewwel għaqda mużikali fl-Imqabba meta ħarġet iddoqq bil-fatti. Minn dakinhar sal-lum, bħall-bqija tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V kompliet tarrikkixxi lir-raħal għażiż tagħna b'unuri nazzjonali u Ewropej.**

Ir-riċerka, id-dokumenti u l-fatti juru li s-Soċjetà Santa Marija kienet l-ewwel soċjetà li bdiet it-tagħlim tal-mużika fir-raħal tal-Imqabba; kienet l-ewwel għaqda li diġà kienet iffurmata, mill-inqas sa minn Ġunju 1944, biex toħroġ iddoqq; u mbagħad kienet l-ewwel għaqda li fil-fatt ħarġet iddoqq f'Santa Marija tal-1945. Għalhekk, din is-sena, dan il-ġublew ta' 75 sena.

Kien fl-1939, eżatt qabel bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija, meta Ġużeppi Galea – li kien għad għandu biss 20 sena – beda jgħallem il-mużika fi ħdan is-soċjetà li dak iż-żmien kellha l-isem ta' King George V Club. Dan kien l-isem tar-Re li kien fuq it-tron fl-1910 meta, ukoll, is-Soċjetà Santa Marija twaqqfet u saret l-ewwel soċjetà Mqabbija.



*Ġużeppi Galea, li beda jgħallem il-mużika fil-King George V Club fl-Imqabba 81 sena ilu, fl-1939, meta kien għad għandu biss 20 sena, u mbagħad kompla fl-1944 hekk kif l-agħar tat-Tieni Gwerra Dinjija kien għadda u l-festa titulari kienet diġà saret fl-1943*

Imma dan it-tagħlim tal-mużika kellu jieqaf ħesrem minħabba l-gwerra li laqtet b'mod qawwi l-lokalitajiet madwar il-portijiet u l-ajruport. Iżda Ġużeppi Galea kompla bil-proġett tiegħu u reġa' beda t-tagħlim tal-mużika għal darb'oħra fl-1943 hekk kif il-gwerra għal Malta kienet battiet.

Għax fl-1943 kienet reġgħet bdiet issir il-festa titulari ta' Santa Marija fl-Imqabba. Joseph Farrugia, magħruf bħala l-Legejn, f'intervisti li ta jgħid li f'Mejju 1943 kienu diġà reġgħu qed isiru l-lezzjonijiet tal-mużika fis-sede tal-King George V Club.

Dokumenti jkomplu juru li fl-ewwel nofs tal-1944 l-Orkestra Santa Marija kienet żgur diġà ffurmata ħalli toħroġ iddoqq. U mbagħad il-Kumitat tal-każin inkariga lis-Surmast Espedito Deguara biex jara li f'Santa Marija tal-1945 jsir programm mill-Orkestra, għan li twettaq 75 sena ilu.

Dan hu kkonfermat b'aħbar dokumentata u ritratt li kienu ppubblikati fis-16 ta' Frar 1945 fil-gazzetta



4 IL-BERQA Il-Ġimgħa, 16 ta' Frar, 1945

IŻ-ŻMINIJIET TBIDDLU

ĠERMANIŻI JAĦDMU GĦAR-RUSSI FLOK LI RUSSI JAĦDMU GĦALL-ĠERMANIŻI

BUDAPEST

ĠAWHRA FID-DANUBJU

L-ISPTARIJIET TA' BELGRAD

Tabiba Ingliża tipprova "issalva t-tfal"

It-Tabib Callus

HANNIEQA TA' ĠRAJJIET WISQ FTIT MAGĦRUFA

MINN ĠUŻE GATT

L-ARTI TAL-MUŻIKA FRAĦAL IMQABBA. Orkestra, li tgħallmet bilkemm tmien xhur ilu taħt it-tmexxija tas-Sur Anthony Mamo L.R.S.M., megħjun mis-Sur Joseph Galea, il-President, fil-King George V Club, Mqabba, li lesta biex tidher fil-pubbliku.

*Il-Berqa* tal-Ġimgħa, 16 ta' Frar 1945.

*Il-ġurnal Il-Berqa fis-16 ta' Frar tal-1945 jgħid li l-Orkestra Santa Marija tal-Imqabba kienet twaqqfet tmien xhur qabel, jiġifieri f'Ġunju 1944*

ta' kuljum *Il-Berqa*, il-gazzetta bil-Malti sieħba tat-*Times* bl-Ingliż, f'paġna 4. Din l-aħbar kienet tgħid li l-Orkestra Santa Marija fl-Imqabba kienet diġà ilha mwaqqfa tmien xhur, jiġifieri mill-inqas minn Ġunju 1944, u li issa kienet lesta biex tidher fil-pubbliku.

Dan kollu jfisser li s-Soċjetà Santa Marija kienet tassew l-ewwel għaqda fl-Imqabba li:

- introduċiet it-tagħlim tal-mużika f'raħalna fl-1939 imma kellha tieqaf minħabba t-Tieni Gwerra Dinjija, imbagħad kompliet fl-1943;
- f'Ġunju tal-1944, l-Orkestra Santa Marija żgur kienet mgħaqqda u kienet qed titħarreġ biex toħroġ iddoqq; u
- għall-ewwel darba f'raħalna esegwiet l-ewwel programm strumentali pubbliku tagħha bil-fatti, fit-Tieni Tridu tal-festa titulari tal-1945 li ħabat il-Ħadd, fil-pjazza tal-knisja parrokkjali fuq planċier ħdejn is-sede tal-każin, wara l-funzjoni tat-Tridu.

**Dakinhar għalhekk il-King George V Club sar l-ewwel soċjetà mużikali f'raħalna li ħarġet fil-fatt iddoqq wara li kienet ilha ffurmata u tħejji ruħha sew mill-inqas sa minn Ġunju 1944.**

Joseph Farrugia jiftakar li f'dak l-ewwel programm mużikali pubbliku tal-Orkestra Santa Marija, fit-12 ta' Awwissu 1945, indaqqu siltiet ta' mużika varja u tal-widna fosthom kompożizzjonijiet ta' Franz Von Suppè u Albert Ketelbey taħt id-direzzjoni ta' Mro Espedito Caruana. Joseph Farrugia jgħid li dik kienet l-ewwel darba li ndaqqet mużika fl-Imqabba wara l-gwerra, f'kuntrast mat-twerdin tas-sireni u l-ajruplani jibbumbardjaw l-inħawi fis-snin ta' qabel.

Il-ġurnal *Il-Berqa*, li kien irrapporta t-twaqqif tal-Orkestra, issa rrapporta l-ewwel programm pubbliku tagħha.

### Il-passi storiċi tal-ewwel soċjetà mużikali Mqabbija: is-Surmastrijiet, is-sede ta' valur arkitettoniku, ir-relazzjonijiet internazzjonali

L-Orkestra Santa Marija malajr saret magħrufa mal-pajjiż u kienet mistiedna tagħmel programmi anke barra mir-raħal f'diversi okkażjonijiet.

Sentejn wara t-twaqqif tagħha, l-Orkestra Santa Marija għaddiet f'idejn is-Surmast Joseph M. Barbara u, fis-seduta ġenerali tal-20 ta' Ottubru 1946, l-Orkestra Santa Marija nbidlilha isimha għal 'Banda Re Ġorġ V'.

B'hekk, waqt li baqgħet nieżla fl-istess linja kontinwa bħala l-ewwel soċjetà mużikali Mqabbija, fl-1946 adottat l-istess isem tas-soċjetà kif kien dak iż-żmien u li mbagħad wara, fl-1990, 30 sena ilu, kien reġa' nbidel biex jiġbor fih l-istorja għanja ta' din is-soċjetà sħiħa: Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

Wara s-Surmast Joseph M. Barbara, fl-1951 il-Banda Re Ġorġ V għaddiet taħt it-tmexxija ta' Mro Leonard Spiteri, iben il-banda. Fl-1956, Mro Spiteri emigra lejn l-Ingilterra u għalhekk il-banda għaddiet taħt it-tmexxija ta' Mro George Martin, li kellu ħajja twila mal-banda u żgur jibqa' mfakkar għall-Innu l-Kbir 'Lil Marija Mtellgħa s-Sema', fuq versi tal-eks Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Patri Joseph M. Ghigo.

Sabiex is-Soċjetà toffri dejjem ambjent aktar adatt għall-banda u għall-attività dejjem tikber tagħha, fl-1951 kien inawgurat it-tieni sular tal-każin b'sala ta' valur arkitettoniku kbir li kienet xierqa għall-kunċerti u anke għal attivitajiet soċjali oħrajn. Fl-1989 infetħet uffiċjalment sala oħra maħsuba speċifikament ħalli fiha jsiru l-kunċerti tal-banda.

Wara l-mewt ħesrem ta' Mro Martin, fi Frar tal-1991 il-banda għaddiet taħt it-tmexxija ta' iben ieħor is-Soċjetà, Mro Inġ. Anthony Camilleri. Is-surmast Camilleri tana l-Innu tal-Banda kif ukoll kien is-surmast li kkompona l-Innu tal-Imqabba.

Kien ukoll f'dan iż-żmien li l-mibki eks President Onorarju tas-Soċjetà u wieħed mill-ewwel bandisti tagħha, Leonard Farrugia, kien qed jaħdem bis-sħiħ biex jgħallem il-mużika fil-każin tagħha. Żgur li jibqa' mfakkar b'għożża mill-ħafna bandisti li tgħallmu taħt idejh.

Taħt it-tmexxija ta' Mro Camilleri, fl-1992 il-banda mas-Soċjetà sħiħa fakkret kif jixraq il-Ġublew tad-Deheb tal-Konvoj ta' Santa Marija bi programm strumentali taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta, dak iż-żmien Ċensu Tabone, li kien inawgura l-pedestall tal-istatwa fuq il-faċċata tal-każin u l-pittura tal-Konvoj fis-sala ewlenija tas-sede tas-Soċjetà.

### *Les Étoiles d'Or du Jumelage* mal-ħafna unuri nazzjonali, Ewropej u dinjin fis-swali artistiċi tas-Soċjetà Santa Marija

Mal-iżvilupp tal-banda bdew ukoll ir-relazzjonijiet internazzjonali tagħha. Fl-1996 is-Soċjetà tagħna għamlet ġemellaġġ mal-Banda Taljana Còrpo Bandistico ta' Santa Vittoria in Matenano u kienet mistiedna ddoqq f'Ascoli Piceno. Fl-1997, il-Banda Re Ġorġ V għaddiet taħt it-tmexxija tas-Surmast preżenti Mro David Agius. Fl-istess sena, kien imiss it-tieni parti tal-ġemellaġġ meta l-banda Taljana kienet il-mistiedna speċjali fil-festa titulari f'raħalna. Dan il-ġemellaġġ kiseb wieħed mill-ħafna unuri lis-Soċjetà tagħna meta fl-1998 l-Unjoni Ewropea ppremjat lis-Soċjetà Santa Marija bl-unur *Les Étoiles d'Or du Jumelage*, L-Istilel tad-Deheb tal-Ġemellaġġi.

**Dan kien l-ewwel u l-uniku ġemellaġġ ippremjat mill-Unjoni Ewropea fl-Imqabba u poġġa lis-Soċjetà tagħna l-ewwel ukoll f'pajjiżna għax kienet l-ewwel waħda ppremjata b'dan l-unur f'Malta, saħansitra qabel ma pajjiżna ssieħeb fl-Unjoni Ewropea.**

Fis-snin ta' wara, is-Soċjetà tagħna seddqet l-unur L-Istilel tad-Deheb tal-Ġemellaġġi bl-impenn tagħha għal relazzjonijiet mill-aqwa ma' baned barranin u kienet minn tal-ewwel f'raħalna li ospitat baned barranin,




*L-ewwel soċjetà mużikali Mqabbija dejjem ħarset 'il quddiem mid-data storika tat-12 ta' Awwissu 1945 – meta kienet l-ewwel waħda li ħarġet fil-fatt iddoqq – tħarrġet bis-serjetà, paxxiet l-udjenzi, u ftit wara l-50 anniversarju tagħha rebħet l-unur kbir u storiku mill-Unjoni Ewropea, Les Étoiles d'Or du Jumelage, li għandu l-post xieraq tiegħu fis-swali artistiċi tas-Soċjetà Santa Marija ma' ħafna unuri oħrajn nazzjonali, Ewropej u dinjin*

hekk li lqajna fostna l-Banda Jugend Blasorchester mill-Ġermanja fl-1998, il-Banda Filarmonika ta' Larissa mill-Greċja fl-2000, il-Banda Kiryat u l-Kfar Saba Community Concert Band, it-tnejn minn Iżrael, it-tnejn fl-2001, u s-sena ta' wara l-Kor Alei Gefen, ukoll minn Iżrael.

## Il-Banda Re Ġorġ V ddoqq f'udjenza mal-Papa Benedittu XVI u twaqqaf l-ewwel arkivju mużikali fl-Imqabba

Komplew imbagħad iktar baned barranin mistednin tal-Banda Re Ġorġ V jagħtu sehemhom fil-festa titulari Mqabbija: il-Bedford Town Band mill-Ingilterra fl-2005 u fl-2015, fl-2005 wkoll il-Banda St. Keverne minn Cornwall fl-Ingilterra, kellna l-Whistling World Champion David Morris fl-2006, u s-Surmast Amerikan minn Louisiana Mro Andy fl-2007 meta lqajna wkoll lis-St Stythians Brass Band mill-Ingilterra, u fl-2008 l-Banda Taljana Associazione Bandistica Cittadina di Cave.

Din il-banda Taljana kienet qed tirreċiproka l-mawra tal-Banda Re Ġorġ V f'Lulju tas-sena ta' qabel fl-Italja meta l-banda tagħna kienet għamlet it-tieni mawra tagħha barra minn Malta biex tieħu sehem fil-Festa del Socio li ssir f'Cave, provinċja ta' Ruma. F'din il-mawra fl-Italja, il-Banda Re Ġorġ V kellha x-xorti ddoqq fis-Sala Nervi fil-Vatikan, waqt udjenza mal-Papa, dak iż-żmien il-Papa Benedittu XVI.

Il-Banda Re Ġorġ V fl-1997 daqqet fl-Università ta' Malta u fl-istess sena waqqfet ukoll arkivju biex hekk għal darba oħra tkun l-ewwel f'raħalna li jkollha arkivju tal-mużika.

Il-Banda Re Ġorġ V tellgħet Akkademja Mużikali ġewwa l-knisja parrokkjali ta' Santa Marija fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb tad-Domma tal-Assunta fis-sena 2000.



*Il-Banda Re Ġorġ V ġewwa s-Sala Nervi fil-Vatikan fis-sena 2007*

## L-ewwel banda Mqabbija li daqqet fit-Teatru Manoel

F'Novembru 2005, il-Banda Re Ġorġ V kienet l-ewwel banda Mqabbija li esegwiet programm strumentali fit-Teatru Manoel, taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta, dak iż-żmien Eddie Fenech Adami.



*Il-Banda Re Ġorġ V ġewwa t-Teatru Manoel f'Novembru 2005*

Fl-okkażjoni tal-175 sena mill-miġja tal-istatwa titulari ta' Santa Marija fl-Imqabba, fl-2011 il-Banda Re Ġorġ V għal darba oħra reġgħet tellgħet Akkademja Mużikali fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba.

Il-banda tibqa' fil-qalba tat-tagħlim tal-mużika. Sabiex inkomplu nġeddu u nissudaw f'dan it-tagħlim, saru l-ħatriet ta' Assistent Surmast u ta' għalliem tal-mużika (sezzjoni ramm). Renè Camilleri hu l-Assistent Surmast minn Ottubru 2018 fejn huwa qiegħed jgħallem ammont sabiħ ta' allievi kif ukoll jgħin fid-direzzjoni tal-banda. Neil Zammit inħatar għalliem tal-mużika (sezzjoni ramm) f'Jannar li għadda fejn hu wkoll qed jgħallem għadd ġmielu ta' allievi żgħażagħ.



*Il-Banda Re Ġorġ V ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba waqt l-Akkademja Mużikali fis-sena 2011*

U hekk, din il-mixja tal-ewwel soċjetà mużikali Mqabbija tkompli. Telqet mill-bogħod, imma dejjem fl-istess linja kontinwa fl-istess soċjetà: mit-tagħlim tal-mużika fl-1939 li jerġa' jibda hekk kif il-gwerra battiet, għat-twaqqif tal-Orkestra Santa Marija f'Ġunju 1944, u mbagħad bil-fatti: l-ewwel programm strumentali li esegwiet il-Ħadd 12 ta' Awwissu 1945, it-Tieni Tridu tal-festa titulari, biex għamilha l-ewwel soċjetà mużikali fl-Imqabba.

Fl-istess linja wkoll tul dan iż-żmien kollu saru bidliet diversi fl-istruttura tas-soċjetà skont il-bżonn taż-żminijiet, it-tkabbir kontinwu fil-każin b'valur arkitettoniku, l-unuri, ir-relazzjonijiet ma' baned Maltin u barranin, bl-għodod li l-bniedem ħoloq – l-istrumenti li jwasslu l-ġmiel tal-mużika – li bihom l-ewwel soċjetà mużikali Mqabbija għamlet u tibqa' tagħmel unur lil raħalna u lil Malta mal-barranin u l-Ewropej hi u ssegwi l-għan ewlieni tagħha: li tiċċelebra kif jixraq il-festa tar-raħal tagħna, il-festa kbira u għażiża ta' Santa Marija.


SOĊJETÀ SANTA MARIJA u BANDA RE ĠORĠ V

MQABBA

EST. 1910

# Agħti sehmek

## fis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V billi tingħaqad ma' xi waħda mis-sezzjonijiet tagħha